# BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 24 ta' Mejju 2002**

**Rikors numru 18B/01**

**Numru 37**

**John u Peter ahwa Caruana**

**vs**

**Carmela Dalli**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi huma jikru lill-intimata l-ghalqa denominata tal-Lenti, bil-barumbara maghha, fil-limiti ta' Hal-Lija versu l-qbiela ta' tmien liri Maltija (Lm8) fis-sena tithallas kull sena b'lura nhar Santa Marija, l-ahhar skadenza ghalqet fil-15 ta' Awissu 2001.

Illi l-intimata ssullokat jew cediet jew ittrasferiet dan ir-raba' lil terzi u dan minghajr il-kunsens espress tas-sidien.

Illi dippju l-istess ghalqa mhiex fonti importanti ghall-ghixien taghha u l-esponenti ghandhom bzonnha ghall-htigijiet taghhom u tal-familja.

Talbu bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-ghalqa de quo u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lill-intimata salv kull dritt talvolta spettanti lill-intimata ghall-kumpens ghall-benefikati.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2002 (fol 5 tal-atti) u li fiha l-Avukat Dottor Edward Gatt , f'isem l-intimata ammetta t-talba tar-rikorrenti kif dedotta mill-istess rikors waqt li r-rikorrenti obbligaw ruhhom li jhallsu lill-intimata s-somma ta' Lm750 b'dan li l-hlas isir meta r-rikorrenti ikollhom il-pussess shih u bla tfixkil tal-ghalqa u l-barumbara, meritu tal-kawza, liema ftehim ghandu jigi nkorporat f'sentenza.

Ghalhekk jilqa t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u:

1. Jawtorizza lir-rikorrenti li jirriprendu pussess tal-ghalqa denominata "tal-Lenti" bil-barumbara maghha, fil-limiti ta' Hal Lija u dan sal-15 ta' Awissu 2002.

2. Jordna lir-rikorrenti sabiex meta huma jkollhom l-pussess shih u bla ftixkil tal-ghalqa u barumbara in kwistjoni, jhallsu lill-intimata s-somma ta' Lm750 bhala kumpens skond il-ligi.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Deputat Registratur